# LI KIEKU MA KIENX...

Ta' Karmenu Ellul Galea

*Lil Ninu Cremona, li mill-1912 'l hawn intafa' b'ruħu u b'ġismu biex igħin, jorqom u jmexxi 'l quddiem l-Ilsien Malti.*

Qisu l-bieraħ x'ħin kont waħdi
Miexi naqsam ġmiel il-bur ,
Bejn blatiet bi ftit ħamrija,
B'ġiżi jfuħu jew b'ħafur.

F'nofs, madwar, minn tarf għall-ieħor
F'din l-oasi tal-widien
Ward selvaġġ flimkien mal-ħdura.
Ifarrġuk b'żifnet l-ilwien.

Hemm... fuq roqgħa nsterqet ħarsti,
F'roqgħa niexfa bl-ebda kenn
Nilmaħ xitla ċkejkna u dgħajfa
Għal suritha ħadd ma jħenn.

Għalkemm tgħaddi n-nies u tħares
Iżda lejha ftit xejn tmur ;
Żmien mitluf min jersaq ħdejha,
X'tiswa — jgħidu — la m'hemmx fjur !

Jien għal bosta żmien hemm rajtha.
Xtaqt li ngħin... ma kontx naf kif...
Il-Mulej żgur laqa' talbi
Ha jħarisha mit-tigrif.

Fl-aħħar resaq żagħżugħ qsajjar
Jgħodd sentejn fuq it-tletin ;
Sammar ħarstu, ġabar għaqlu,
Stħajlu sab xi ġawhar fin.

Hekk Mulej, serraħt ftit ħsiebi,
Bsart li x-xitla tieħu r-ruħ ;
Ma stennejtx għajr ġid u mħabba
Minn ħabib fil-hemm u d-dmugħ.

* * *



Għadda ż-żmien... erġajt fi triqti
Għall-wesgħat u djul il-bur
F'dik ir-roqgħa flok art niexfa
Sibt is-siġra bl-inwar tfur.

Kif inbidlet... kemm qed tħaddar
Kull ma tmur titqal bil-ward,
U b'għeruqha timxi, sserrep
Sa tistrieħ fil-ġuf ta' l-art.

B'fomm il-friegħi nistħajjilha
Tbus ħaddejn, ġmiel is-smewwiet,
U bil-weraq kbir ħadrani
Tgħix id f'id maż-żminijiet.

Kemm qlub safja tawha mħabbthom
Biex għoliet, ġiet 'il quddiem !
Kemm żeblih, tbatija u ħidma
Biex il-lum qed tgħix fis-sliem !

Din hi x-xitla li lmaħt darba
F'roqgħa trab bla ħajr jew ġmiel,
Mingħajr kenn, bil-għatx w għajjiena
U maħkuma mir-rjieħ qliel.

Għadda kważi daqs nofs seklu
Mindu xegħel ħsieb daż-żagħżugħ
W il-frott bnin ta' din is-siġra
Il-lum sew qed integħmuh.

X'kien isir minn dik ix-xitla
Li ma kienx il-ħsieb utieq
Taż-żagħżugħ li nnamra magħha
Waqt li kien għaddej mit-triq?!!

Kieku tmantret... forsi dbielet...
Mhix b'saħħitha bħal m'hi l-lum,
U m'għandhiex kenniet dellija,
Lanqas frott u ġmiel meqjum.

* * *

Qalbi w ħsiebi t-tnejn jgħidul:
Li bħax-xitla sab xortih
L-Ilsien Malti sew kif Ninu
Għaqlu u saħħtu beda jtih !

27 ta' Mejju, 1960.